

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 13.12.2010  
KUMM(2010) 788 finali

2009/0060/A (COD)

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

**dwar**

**il-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni dwar 'emendi għat-taxxi', COM(2009)194)**

## KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

**il-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni dwar 'emendi għat-taxxi', COM(2009)194)**

### 1. SFOND

Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill  
(dokument COM(2009)194 finali – (2009)/0060A COD):

It-trażmissjoni:  
Fil-21 ta' April 2009  
rettifika:  
It-30 ta' Novembru  
2009), emendata:  
Fl-01 ta' Diċembru  
2009  
(dħul fis-seħħ tat-  
Trattat ta' Lisbona)

Id-data tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:

fil-21 ta' Ottubru 2010.

Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta emendata:

[...].

Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:

fil-10 ta' Diċembru  
2010.

### 2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA MILL-KUMMISSJONI

Id-diversi strumenti finanzjarji tal-UE għall-kooperazzjoni esterna fihom inkonsistenza minuri fir-rigward tal-eċċezzjonijiet għall-prinċipju tan-nuqqas ta' eliġibbiltà għal finanzjament tal-UE ta' kostijiet relatati ma' taxxi, dazji u ħlasijiet oħrajn imposti minn pajjiżi terzi.

L-istrument ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp (SKŻ) ma jipprevedix flessibbiltà b'rabta man-nuqqas ta' eliġibbiltà għal tali kostijiet ta' finanzjament. L-istrumenti l-oħrajn jistipulaw li "fil-prinċipju" l-għajnuna tal-UE ma tistax tintuża għall-finanzjament ta' dawn il-kostijiet: Għaldaqstant, huma jippermettu flessibbiltà fuq il-bażi ta' każ b'każ, u l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista', fejn ikun xieraq, jiddeċiedi li jaċċetta l-eliġibbiltà fl-interess ta' ġestjoni finanzjarja tajba u tal-implimentazzjoni adegwata tal-programmi u proġetti.

Għalhekk, din il-proposta żżid biss il-kliem "fil-prinċipju" fit-test.

### 3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

### 3.1. Kummenti ġenerali dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill

Il-Kummissjoni tista' taççetta l-pożizzjoni tal-Kunsill li hija konformi mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni u mal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, bl-eççeżżjoni tal-kwistjonijiet speçifiki msemmija aktar 'l isfel.

### 3.2. Il-karatteristiçi ewlenin tal-pożizzjoni tal-Kunsill

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti l-elementi prinçipali li ġejjin:

- **Taxxi u dazji:** Il-kliem "fil-prinçipju" jinżiedu man-nuqqas ta' eliġibbiltà ta' taxxi, dazji u ħlasijiet oħrajn, u b'hekk jippermettu l-possibbiltà ta' eççeżżjonijiet, li huma rregolati internament mill-istruzzjonijiet mogħtija lill-Uffiçjali tal-Awtorizzazzjoni.
- **Maqsum f'żewġ atti separati:** wieħed għall-SKŻ u ieħor għall-EIDHR. Fil-bidu l-Kummissjoni kienet ipproponiet att wieħed li jagħmel l-istess emenda għaż-żewġ strumenti. Issa l-emenda ekwivalenti għall-SKŻ (jinżied il-kliem "fil-prinçipju") hija inkorporata fil-pożizzjoni tal-Kunsill dwar COM (2010) 102 finali – 2010/0059 COD (li hija l-emenda tal-SKŻ biex jiġu inklużi miżuri ta' akkumpanjament dwar il-banana).

### 3.3. Kwistjonijiet speçifiki (emendi mill-Parlament li mhumiex aċċettabbli għall-Kunsill):

**Atti ddelegati (l-Artikolu 290 TFUE):** Bl-emendi li ressaq fl-ewwel qari l-Parlament jipprova japplika din il-proċedura għall-adozzjoni min-naħa tal-Kummissjoni tad-dokumenti multiannwali ta' strateġija. Minkejja n-negozjati twal u intensivi li saru (speçjalment it-trijalogi li saru fit-2 ta' Frar, fit-23 ta' Marzu u fl-20 ta' Ottubru) ma kienx possibbli li jintlaħaq ftehim dwar din il-kwistjoni. Il-Kunsill ma aċċettax dawn l-emendi fil-pożizzjonijiet tiegħu fl-ewwel qari. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tissokta bl-isforzi biex tirrikonçilja l-pożizzjonijiet tal-istituzzjonijiet u biex issib modi biex tindirizza t-tħassib sostantiv wara l-emendi tal-Parlament, b'mod partikulari biex jiġi żgurat li l-Parlament ikun jista' jeżerçita sorveljanza xierqa fuq il-formulazzjoni ta' strateġiji għall-koperazzjoni esterna u l-implimentazzjoni tajba tal-istrumenti finanzjarji esterni.

**Parlamenti Nazzjonali.** Il-Parlament adotta wkoll emendi li jintroduçu referenzi għall-parlamenti nazzjonali li ma ġewx aċċettati mill-Kunsill. Il-Kummissjoni tikkunsidra li t-tħassib ewlieni rigward l-emendi tal-Parlament, li jiġi żgurat li l-parlamenti nazzjonali jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dan l-istrument, huwa kopert minn dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-parlamenti nazzjonali, speçjalment il-protokollu għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## 4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tista' taççetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.